# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-24 t'Ottubru 2022**

**Rikors Numru : 136/2021JPG**
**Kawza Numru : 21**

**OA**
**Va**
**JAG**

## Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' OA datat 6 t'April 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Il-partijiet izzewwgu fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u erbgha u disghin (27.11.1993), kif jirrizulta mic-Certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok 'A', u minn dan iz-zwieg huma kellhom tifel, ossia JCA li llum huwa maggorenni.*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta' kuntratt ippubblikat minn Nutar Dr Carmel Gafa' fis-sebgha (7) ta' Lulju elf disa' mija u tmienja u disghin (1998), li kopja tieghu jinsab hawn anness u mmarkat Dok 'B';*

*Ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom dawn l-ahhar tlieta u ghoxrin (23) sena mifrudin, illum huma ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

*Anqas ma hemm pendenzi ta' manteniment, u l-att ta' separazzjoni qieghed jigi osservat fl-intier tieghu;*

*Dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha:-*

1. *Tippronunzja l-hall taz-żwieġ ezistenti bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat in-nota ta' OA datat 22 ta' Dicembru 2021 li permezz taghha stieden lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza (vide fol 28);

Rat illi l-intimata debitament notifikata permezz ta' affissjoni fis-6 ta' Jannar 2022 (Vide Fol 28) u pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern nhar id-9 ta' Marzu 2022 (Vide Fol 25) u f'gazzetta lokali fit-3 ta' Mejju 2022 (Vide Fol 26), ma ppresentat ebda risposta u ma dehritx ghas-seduti mhejjija, ghalhekk hija kontumaci;

Rat il-fakolta moghtija lill-intimata sabiex tippresenta s-sottomissjonijiet taghha ai termini tal-Art 158(10) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, izda din baqghet inadempjenti (vide fol 31);

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**OA xehed** (vide affidavit fol 12) illi l-partijiet zzewgu nhar is-27 ta' Novembru 1993 u li minn dan iz-zwieg twieled tifel, llum maggiorenni. Sostna illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-partijiet sseparaw permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Carmel Gafa' nhar is-7 Lulju 1998. Iddikjara illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni. Di piu' ikkonferma illi ma hemm ebda manteniment dovut bejniethom u llum jghixu hajja totalment separata minn xulxin.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-27 ta' Novembru 1993, liema zwieg jgib c-certifikat numru 2189/1993 (vide Dok A), certifikat taz-zwieg, a fol 4; u li minn dan iz-zwieg twieled tifel llum maggiorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali nhar is-7 ta' Lulju 1998 fl-atti tan-Nutar Dr Carmel Gafa' (vide Dok B, a fol 5 et seqq.) Ghalhekk, jirrizulta illi l-partijiet ilhom legalment separati ghal ferm aktar zmien minn dak rikjest mil-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement pprovat li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Di piu', ma jirrizultax li hemm arretrati ta' manteniment dovut.

Il-Qorti tqis illi ma jidher illi hemm ebda eccezzjoni li hija ghandha tqanqal ex-officio in vista tal-kontumacja tal-intimata.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet issodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 2189/1993 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna spejjes jibqghu bla taxxa bejn l-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**